17 ta' Ottubru, 1949.
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Il-Pulizija *versus* Prof. Joseph Colombo, B.Sc., A. & C.E.

**"War Damage" — "Schedule of Works" — "Mandati" — "Information" — Art. 75 u 34 tal-War Damage Ordinance.**

*L-art. 75 tal-War Damage Ordinance jippresumi bħala oġġett ta' l-element materjali tar-reat fih kontemplat dik li tissejjaħ "information", jiġifieri tagħrif, konness ma' "claim" għal ħsara tal-gwerra, li jkun qarrieqi sostanzjalment, u fl-istess ħin doluż jew almenu "reckless".*

*Fil-waqt li jkun hemm dak ir-reat jekk l-"information" qarrieqa tkun ingħatat fix-"schedule of works", ma hemmx dak ir-reat jekk it-tagħrif qarrieqi jingħata fil-"mandati" li joħroġ il-perit inkarikat mix-xogħol ta' tiswija tal-ħsara tal-gwerra; għax il-"mandati" ma humiex indikati bħala attijiet ta' tagħrif għall-finijiet tal-liġi, u t-termini tal-formula tal-"mandat" ma humiex tali li joħolqu responsabilità kriminali f'min jagħti t-tagħrif. It-tagħrif qarrieqi mogħti fil-"mandati" jesponi lil min jagħtih għal responsabilità ċivili biss.*

Dan hu appell tal-Prosekuzzjoni kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-11 ta' Lulju 1949, li biha l-imsemmi Professur Colombo ġie dikjarat mhux ħati ta' l-imputazzjoni duplići miġjuba kontra tiegħu, u liberat;

L-imputazzjoni kienet illi f'dawn l-aħħar sentejn (1) tant bix-"schedule of works" preżentata minnu fis-27 ta' Settembru 1948, kif ukoll fil-"mandat" preżentat minnu fid-29 ta' Jannar 1949, rigward il-post "Liberty House", nri. 16 u 18 Valley Road, Pawla, biex jikseb għalih jew għal Horace Desira ħlas dwar ħsara tal-gwerra taħt l-ewwel taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Ħsarat tal-Gwerra, ta tagħrif li huwa kien jaf li huwa qarrieqi f'ħaġa importanti, u dan billi fix-

"schedule" inkluda xoghlijiet li ma kienux "war damage", u fil-mandat iċċertifika bhala li saru xoghlijiet li ma kienux saru, u (2) fix-"schedule of works" u fil-"mandat" preżentati minnu fl-istess dati fuq imsemmijin rigward il-fond "Anchor Bay", nru. 12 Valley Road, Pawla, bl-istess hsieb u bl-istess mod fuq imsemmi, ta taghrif qarrieqi f'haġa importanti;

Trattat dan l-appell tal-Prosekuzzjoni, din il-Qorti.........

ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat ghaliex, kwantu ghax-"schedule of works", sabet li dik l-imputazzjoni ma kienetx sostnuta mill-provi; u kwantu ghall-"mandat", ghaliex, avvolja d-dikjarazzjoni ta' l-imputat li x-xoghlijiet kienu saru kienet indubbjament inveridika, eppure l-"mandat" ma hux indikat fl-ebda liġi bhala att ta' taghrif ghall-finijiet tal-liġi, u t-termini tal-formula tal-mandat ma humiex tali li joholqu responsabilità kriminali, iżda biss ċivili;

Issa hu importanti li wiehed jinnota li l-appell tal-Prosekuzzjoni, kif jidher ċar mit-termini tar-rikors, hu limitat ghall-"Mandati", in kwantokkè li l-Prosekuzzjoni tirritjeni li kien hemm enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi, fissens li l-motivi espressi fis-sentenza relativament ghall-mandati huma żbaljati;

Ma hemmx appell ghar-rigward tax-"schedules", u lanqas seta' jkun hemm; ghaliex kwantu ghax-"schedules" il-Maġistrat illibera fuq apprezzament ta' fatt;

Ikkunsidrat fuq l-appell hekk limitat;

Tnejn huma l-prinċipji li ghandhom jiggvernaw din il-kwistjoni: wiehed "nullum crimen sine lege"; u l-iehor, illi "statuta in uno eodemque volumine compilata unum ab alio debent recipere interpretationem";

Issa, ma hemmx dubju illi l-artikolu tal-liġi li fuqu nġiebet l-imputazzjoni (art. 75) jippresupponi, bhala oġġett ta' l-element materjali tar-reat, dik li tissejjah fil-liġi "information". Kieku ma kienx hemm hlief dan l-artikolu, allura ma kienx ikun raġjonevoli li wiehed jirrestrinġi b'xi mod is-sens tal-kelma "information". Kwalunkwe "information" qarrieqa, jekk konnessa ma' "claim" ghal "war damage", pur kè sostanzjali, kienet tkun inkriminabili jekk tkun doluża, jew almenu "reckless". Imma fl-art. 34 ta' l-istess liġi jin-

għad illi l-Gvernatur jista', b'regolament, igħid liema għandhom ikunu dawn l-"informations" li għandhom jingħataw. B'dan l-artikolu hu ovvju illi l-"informations" imsemmijin fl-artikolu posterjuri nru. 75, bħala inkriminabili, huma dawk imsemmijin fl-art. 34. L-art. 34, fi kliem oħra, la darba qiegħed fl-istess liġi, u qed juża t-terminu speċifiku "information" għall-finijiet ta' "claims" għal "war damage", għandu jitqies illi apporta restrizzjoni fis-sinifikat, diversament illimitat, tal-kelma "information" fl-art. 75. Kien ikun antiġuridiku, partikolarment li "in odiosis", kif inhi materja ta' responsabilità kriminali, l-interpretazzjoni għandha tkun restrittiva, illi għall-finijiet ta' l-art. 75 jingħata lill-kelma "information" sens aktar ampju minn dak li l-kelma tikkomporta skond l-art. 34;

Issa, fil-fatt, il-Gvernatur ħareġ, bis-saħħa ta' dak l-art. 34, in-Notifikazzjoni tal-Gvern 162 ta' l-1943, u ma hemmx indikata ebda "information" relativa għall-mandati, imma biss għar-rigward tax-"schedules". Konsegwentement, la-darba "information" skond l-art. 34 kombinat man-Notifikazzjoni fuq imsemmija, hi dik li tingħata f'attijiet oħra, bla ma jissemma l-mandat, ma tistax ir-responsabilità kriminali kontemplata fl-art. 75 tiġi amplifikata b'mod li tikkomprendi anki tagħrif li ma hux kontemplat mill-artikolu appożitu (no. 34), li speċifika, bħala "enabling provision", x'inhuma "informations", fis-sens li qal li huma dawk li kienu sejrin ikunu indikati b'regolament mill-Gvernatur;

Il-Qorti tħoss illi, kieku kellha testendi l-applikabilità ta' l-art. 75 għall-mandati, fl-istat li fih hija attwalment il-liġi (u apparti l-espedjenza, "si et quatenus", li tiġi emendata), il-konsegwenza kienet tkun li jitħalla dubju serju li jkun qed j'nħoloq reat li aktarx ma kienx fl-intenzjoni tal-leġislatur. L-iżvilupp tal-proċeduri ta' dawn il-"claims" jista' talvolta juri biss li, "in lege condenda", hu spedjenti li ssir emenda b'mod tali li l-mandati jidħlu wkoll bħala "informations" għall-finijiet ta' l-art. 75;

Lanqas tidher ċensurabili l-fehma tal-Maġistrat meta qal li t-termini tal-formoli ta' dawn il-mandati ma jimplikawx responsabilità kriminali, iżda ċivili. Infatti ż-żewġ paragrafi ta' l-aħħar ta' l-eżemplari eżibiti jikkontjenu l-kliem "on my

own financial responsibility" — espressjoni li kjarament tindika responsabilità "civiliter". Din l-interpretazzjoni hija koadjuvata mill-fatt li fiż-żmien meta l-pagamenti ma kienux *regolati* bil-proċedura tal-mandati, li ġew introdotti in segwitu, f'każijiet analogi ta' "payments" kien jista' jiġi rikjest "undertaking" għak-kariku tal-"payee", u l-konsegwenza talksur ta' dan l-"undertaking" kienet biss, b'liġi espressa, responsabilità ċivili, u mhux kriminali (art. 18 u 21 ta' l-Ordinanza);

Għalhekk din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddissenti mill-interpretazzjoni mogħtija mill-Maġistrat, u konsegwentement tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

*contract and the Government department concerned in the giving out of that particular contract, that printed matter is libellous.*